

Brussell, 18 ta' Mejju 2020
(OR. en)

7759/1/20
REV 1

PUBLIC 34
INF 92

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - APRIL 2020

Dan id-dokument jelenka l-atti¹ adottati mill-Kunsill f'April 2020^{2,3}

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi u mhux leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- referenza għall-minuti tas-sessjoni tal-Kunsill meta l-att ikun ġie adottat.

¹ Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara fil-korsiv).

² Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

³ Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u id-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill hawnhekk: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#).

Jekk ma jkunux disponibbli direttament, tista' ssir talba għal aċċess għal dokumenti fuq:

<https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/public-register/request-document/>

Ta' min wieħed jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'APRIL 2020

Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-2 ta' April 2020	CM 1983/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/489 tat-2 ta' April 2020 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent ĠU L 105, 3.4.2020, p. 3–6	6754/20
<i>Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/488 tat-2 ta' April 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen ĠU L 105, 3.4.2020, p. 1–2	6831/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-3 ta' April 2020	CM 1868/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fir-Rumanija</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/509 tat-3 ta' April 2020 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fir-Rumanija ĠU L 110, 8.4.2020, p. 58–59	6304/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-3 ta' April 2020	CM 1868/20
<i>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bl-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern fir-Rumanija</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' April 2020 bl-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern fir-Rumanija 2020/C 116/01 ĠU C 116, 8.4.2020, p. 1–3	6305/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-7 ta' April 2020	CM 2020/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/520 tat-18 ta' Novembru 2019 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea ĠU L 117, 15.4.2020, p. 1–2	13318/19

Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-7 ta' April 2020	CM 2013/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward ta' ċerti materji baġitarji b'rabta mal-implimentazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/522 tas-7 ta' April 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward ta' ċerti materji baġitarji b'rabta mal-implimentazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport ĠU L 117, 15.4.2020, p. 9-9	6432/20 6534/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-7 ta' April 2020	CM 2006/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/512 tas-7 ta' April 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran ĠU L 113, 8.4.2020, p. 22-37	6113/20
<i>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/510 tas-7 ta' April 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran ĠU L 113, 8.4.2020, p. 1-17	6115/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/513 tas-7 ta' April 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) ĠU L 113, 8.4.2020, p. 38-40	6270/20

Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-7 ta' April 2020	CM 1987/20
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq</i> <i>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill</i> Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq - Adottata mill-Kunsill fis-7 ta' April 2020	5115/20
Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill	5115/1/20 REV 1 ADD 1
Dikjarazzjoni mill-Belġju Il-Belġju ħa nota tar-riżultati tal-ftehim proviżorju li ntlaħaq fil-11 ta' Diċembru bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-pilastru soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I. Il-Belġju jilqa' t-titjib sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera tat-trakkijiet, b'mod partikolari billi jipprojbixxi l-mistrieħ ta' kull ġimgħa fil-kabina, u billi japplika l-istazzjonar għal operazzjonijiet ta' kabotaġġ. Għandhom jintlaħqu kondizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni aħjar fil-futur, permezz tal-integrazzjoni ta' vetturi kummerċjali ħfief fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà kollu, ir-ritorn tat-trakkijiet lejn il-bażi kull tmien ġimgħa, u l-iskeda ta' żmien ambizzjuża għall-introduzzjoni ta' takografi intelliġenti ġodda li ser jippermettu infurzar aħjar tar-regoli eżistenti u dawk ġodda. Għalhekk, il-Belġju jqis li huwa inkoeerenti li l-aċċess għas-suq jiġi ristrett ulterjorment billi jiġi impost perijodu ta' preklużjoni ta' erbat ijiem fuq il-kabotaġġ, filwaqt li fl-istess ħin l-Unjoni Ewropea ser tiżgura konverġenza soċjali 'l fuq. Fil-fehma tagħna, il-perijodu ta' preklużjoni huwa ostaklu għall-kummerċ li jmur kontra l-ispirtu tas-suq intern, u l-effiċjenza tal-katina loġistika, peress li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jagħmluha possibbli li jiġu evitati vjaġġi vojta. Jiddispijacija wkoll dwar l-inklużjoni ta' proposta rigward l-istazzjonar fit-tul, li la dehret fil-proposta tal-Kummissjoni u lanqas fil-ftehimiet taż-żewġ koleġislaturi, u s'issa għadha ma ġietx ivvalutata b'attenzjoni. Minkejja l-elementi soċjali pożittivi li jinsabu fil-Pakkett, il-Belġju għalhekk ser jastjeni dwar il-ftehim.	

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija

Il-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija jesprimu tħassib serju li l-ftehim proviżorju dwar il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I jikkontradixxi l-libertà bażika li jiġu pprovduti servizzi fis-Suq Uniku, il-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema, kif ukoll il-politiki u l-għanijiet ewlenin tal-UE dwar il-klima.

B'mod partikolari, ir-rekwiżit li l-vetturi tqal jiġu ritornati lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-anqas darba kull tmien ġimgħat jikkontradixxi l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi tal-UE, stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Patt Ekoloġiku ġdid fil-11 ta' Diċembru 2019. Tali obbligu, jekk jiġi adottat, jirriżulta f'żieda konsiderevoli fl-għadd ta' vjaġġi tat-trakkijiet vojta fit-toroq Ewropej u, sussegwentement, f'żieda sostanzjali ta' emissjonijiet tas-CO₂ mis-settur tat-trasport. Dan is-settur diġà jirrappreżenta madwar kwart tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE.

Minkejja l-isforzi tagħna biex nenfasizzaw dawn il-punti u minkejja l-evidenza xjentifika minn studji dwar l-impatt ta' obbligu bħal dan fuq iż-żieda fil-vjaġġi vojta u l-emissjonijiet tas-CO₂, m'hemm l-ebda sensittività dwar l-impatt mistenni minn din id-dispożizzjoni u l-argumenti razzjonali qed jiġu miċħuda. Fl-istess ħin, għalkemm l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar teħtieġ valutazzjoni tal-impatt fil-livell tal-UE għal dawn il-miżuri kollha, għadha ma ġiet ippreżentata l-ebda valutazzjoni bħal din.

Ir-ritorn ta' vetturi lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment huwa biss eżempju wieħed ta' miżuri eċċessivament restrittivi u diskriminatorji proposti fil-Pakkett dwar il-Mobbiltà I. Aħna nikkondividu tħassib simili dwar il-limitazzjonijiet fuq il-kabotaġġ fil-forma ta' perijodu ta' preklużjoni eċċessiv. Dan il-perijodu ta' preklużjoni jammonta għal miżura protezzjonista, li ser ikollha effett pjuttost negattiv fuq is-Suq Uniku. Skont l-estimi ta' istituti ta' riċerka magħrufa, l-obbligu ta' ritorn ta' trakk kif ukoll ir-restrizzjonijiet imposti fuq operazzjonijiet ta' kabotaġġ ser jiġġeneraw miljuni ta' tunnelli addizzjonali ta' emissjonijiet ta' CO₂ kull sena.

Punt ta' tħassib prinċipali ieħor huwa li r-ritorn obligatorju tal-vettura ser ipoġġi f'pożizzjoni ta' żvantaġġ l-Istati Membri li minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom ser ikollhom diffikultajiet sostanzjali biex jipprovdu servizzi tat-trasport tat-trakkijiet fis-Suq Uniku, peress li l-vetturi tagħhom ser ikollhom ikopru distanzi ħafna akbar u jegħlbu ostakli naturali sinifikanti, speċjalment fil-każ tal-gżejjer.

Il-kompetizzjoni inġusta mill-operaturi ta' pajjiżi terzi hija wkoll fattur li ma ġiex indirizzat kif suppost. Dan huwa partikolarment inkwetanti peress li s-soluzzjoni li għandha tiġi adottata ser ikollha effetti fit-tul mhux biss fuq is-settur tat-trasport, iżda wkoll fuq l-ekonomija tal-UE kollha kemm hi.

Is-settur tat-trasport jistħoqqlu qafas legali tal-UE ġust u b'saħħtu, li jkompli jstimola l-iżvilupp tiegħu, filwaqt li jiżgura regoli realiċi u infurzabbli. Minflok dispożizzjonijiet bilanċjati u kompromess ġenwin, il-ftehim proviżorju jimponi miżuri restrittivi, sproporzjonati u protezzjonisti.

Il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I huwa dossier kruċjali għas-Suq Uniku Ewropew, kif ukoll għas-settur tat-trasport bit-triq. Illum, aktar minn qatt qabel, jeħtieġ li nippreservaw il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku u tal-ekonomiji tal-Istati Membri kollha fl-UE filwaqt li nkunu konsistenti ma' politiki oħra tal-UE.

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija

Il-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija jesprimu l-oġġezzjoni tagħhom għall-inklużjoni awtomatika tal-klawżola tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-ftehim politiku adottat dwar it-tliet atti legali tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I matul ir-reviżjoni teknika tat-testi mill-ġuristi lingwisti.

Nirrikonoxxu li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma ferm importanti għall-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-UE. Madankollu, iż-żieda ta' klawżola bħal din f'dan l-istadju avvanzat tal-proċess legiſlattiv mhijiex prattika tajba inġenerali u, fil-każ tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I, huwa partikolarment diffiċli li wieħed jaċċettaha minħabba s-sensittività politika tad-dossier kollu u b'kont meħud tal-konsegwenzi fit-tul tad-dispożizzjonijiet proposti għall-funzjonament tas-settur Ewropew tat-trasport bit-triq.

Sfortunatament, dan juri wkoll li l-proċedimenti rapidi affettwaw b'mod negattiv il-kwalità tal-legiſlazzjoni adottata. Barra minn hekk, nixtiequ nissottolinjaw in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt ta' xi dispożizzjonijiet ewlenin tal-ftehim politiku. Dan il-fatt ġie rikonoxxut ukoll mill-Kummissjoni fid-Dikjarazzjoni tagħha ppreżentata fil-laqgħa tal-Coreper I fl-20 ta' Diċembru 2019, li fiha l-Kummissjoni kkonfermat li xi miżuri ma kinux parti mill-proposti tal-Kummissjoni ppreżentati fil-31 ta' Mejju 2017 u ma kinux soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt.

In-nuqqas ta' analiżi bir-reqqa jxekkel evalwazzjoni xierqa tal-miżuri proposti fit-tliet atti legiſlattivi tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I f'termini tal-konformità tagħhom mar-regola tal-proporzjonalità.

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija

Il-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija, filwaqt li jqisu t-tixrid bla preċedent tal-coronavirus COVID-19 li diġà qed iħalli impatt u, sfortunatament, ser ikompli jaffettwa b'mod profund is-settur tat-trasport bit-triq, jappellaw għas-sospensjoni tax-xogħol fuq il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I sakemm tgħaddi l-pandemija. Għaldaqstant, qed nivvutaw kontra l-adozzjoni tal-fajl permezz ta' proċedura bil-miktub f'dan iż-żmien diffiċli.

Huwa mistenni li l-biċċa l-kbira tal-impriżi ser jissospendu jew jagħlqu l-operazzjonijiet tagħhom, li ser iwassal għal tnaqqis sinifikanti fil-provvista tas-servizzi tat-trasport u, għaldaqstant, fit-twassil ta' prodotti għad-detriment taċ-ċittadini tal-UE u għall-funzjonament bla xkiel tal-ekonomija.

Fid-dawl tar-rwol indispensabbli tat-trasport bit-triq fl-isforz ta' rkupru mit-tifqigħa ta' wara l-COVID-19 u t-telf estensiv li ġarrab is-settur matul l-immaniġġar tat-tifqigħa, it-trasport bit-triq u l-ekonomija tal-UE mhux ser ikunu f'pożizzjoni li jsostnu x-xokk bla bżonn impost mir-regolament li ser jiġi kkawżat mill-Pakkett dwar il-Mobbiltà I. F'dan il-kuntest jeħtieġ li nżommu f'moħħna li l-maġġoranza kbira tal-impriżi tat-trasport bit-triq fl-Unjoni Ewropea huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li huma partikolarment vulnerabbli.

Fiċ-ċirkostanzi attwali, l-adozzjoni tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I fil-forma attwali tiegħu la hija raġonevoli u lanqas ġustifikata. Nixtiequ nenfasizzaw li x-xenarju ekonomiku tal-UE meta tgħaddi l-kriżi tal-coronavirus ser ikun wieħed għal kollox differenti u aħna nemmnu li s-settur tat-trasport bit-triq ser ikun jeħtieġ soluzzjonijiet ġodda li jindirizzaw din ir-realtà ġdida.

B'kont meħud tas-sitwazzjoni msemmiha hawn fuq, aħna konvinti li s-soluzzjonijiet previsti fil-Pakkett dwar il-Mobbiltà I jeħtieġ li jiġu msawra mill-ġdid biex ikunu jistgħu jieħdu kont tar-realtà ekonomika l-ġdida. Għaldaqstant, aħna nipproponu li tiġi sospiża l-ħidma ulterjuri fuq dan id-dossier sakemm tgħaddi l-pandemija.

Dikjarazzjoni mill-Estonja

L-Estonja tappoġġa bis-sħiħ l-oġġettivi tal-proposti oriġinali tal-pilastru soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I, li kienu maħsuba biex iwittu t-triq lejn regoli ċari tat-trasport bit-triq. L-Estonja temmen li s-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-Unjoni Ewropea għandu jkun konformi mal-prinċipji ġenerali tas-Suq Uniku, miftuħ għall-kompetizzjoni, effiċjenti u ekoloġiku. L-Estonja temmen li rekwiżiti addizzjonali ma għandhomx jimponu piż amministrattiv mhux raġonevoli fuq in-negozji jew l-awtoritajiet tas-settur pubbliku jew kunflitt mal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-klima.

Matul in-negozjati tal-Pakkett, l-Estonja adottat approċċ kostruttiv billi fittxet li tqis u tappoġġa proposti li jtejbju l-kundizzjonijiet tax-xogħol għax-xufiera, jiġġieldu kontra prattiki illegali tas-suq u jnaqqsu l-effetti negattivi fuq l-ambjent. Madankollu, in-negozjati rriżultaw fi ftehim li jqiegħed lit-trasportaturi Estonjani fi żvantaġġ kompetittiv, b'mod partikolari billi jimponi obbligu fuq l-impriżi tat-trasport bit-triq li jorganizzaw l-attività tal-flotta tagħhom b'tali mod li tiżgura li l-vetturi tagħhom jirritornaw lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment fi żmien tmien ġimgħat wara li jkun telqu minnu ("ritorn tal-obbligu tal-vettura").

Dan l-obbligu ma kienx parti mill-pakkett oriġinali. Ma ġiex soġġett għal valutazzjoni tal-impatt sostantiva, li jqajjem tħassib dwar ir-relazzjoni tiegħu mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

It-tieni, il-fatt li l-vetturi jirritornaw lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment jillimita ż-żona ġeografika tal-operazzjonijiet għall-impriżi tat-trasport bit-triq ta' dak l-Istat Membru u bħala tali, dan mhuwiex konformi mal-għan tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I li jiżgura kondizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni.

It-tielet, peress li dan l-obbligu jżid l-għadd ta' vjaġġi vojta u emissjonijiet ta' CO₂ addizzjonali, l-Estonja hija tal-pożizzjoni li dan ir-rekwiżit jikkontradixxi l-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar il-klima u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Mhuwiex konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019.

Barra minn hekk, l-Estonja tqis li dan ir-rekwiżit huwa sproporzjonat peress li l-ftehim diġà fih miżuri għall-ġlieda kontra l-fenomeni tal-hekk imsejħa 'kumpanniji fantażma'. L-obbligu tar-ritorn tal-vettura ser potenzjalment jinċentiva tali prattiki u, barra minn hekk, jinkoraġġixxi lill-impriżi tat-trasport bit-triq minn Stati Membri periferiċi biex jirrilokaw, u b'hekk jikkawżaw tnaqqis fl-impjiegi u d-dħul mit-taxxa.

Fl-aħħar nett, peress li l-miżura tista' potenzjalment iżżid il-volumi tat-traffiku, l-Estonja hija mħassba dwar l-impatt tagħha fuq is-sikurezza fit-toroq.

Konsegwentement, u filwaqt li terġa' tenfasizza l-appoġġ tagħha għall-oġġettivi tal-proposti oriġinali tal-pilastru soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I, l-Estonja jiddispjaċiha dwar l-inklużjoni fil-ftehim tal-obbligu tar-ritorn tal-vettura. Fil-kuntest deskritt hawn fuq, l-Estonja ser tivvota kontra dan il-ftehim.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tixtieq ittenni tħassib serju dwar l-effetti negattivi u dannużi għall-klima u l-effetti li jfixxlu s-suq ta' komponenti differenti tal-Ewwel Pakkett dwar il-Mobbiltà u tesprimi nuqqas ta' sodisfazzjon kbir dwar in-nuqqas ta' valutazzjonijiet tal-impatt xierqa u estensivi li jmur kontra l-oġettivi inizjali tal-Ewwel Pakkett dwar il-Mobbiltà.

L-Ungerija minn dejjem uriet li hija lesta tiġġieled kontra l-frodi, l-abbużi u l-prattiki inġusti kif ukoll li tindirizza l-kondizzjonijiet soċjali tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. Filwaqt li nindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, għandna nevitaw kwalunkwe frammentazzjoni, protezzjoniżmu u l-impożizzjoni ta' piż amministrattiv eċċessiv għall-impriżi tat-trasport Ewropej, li joperaw b'mod ġust fis-suq intern tat-trasport bit-triq. Għalina, il-preservazzjoni tal-funzjonament effettiv tas-suq intern tagħna mhijiex negozjabbli, billi dan iwassal għal aktar impjiegi u kompetittività għall-Ewropa f'era ta' tensjonijiet ekonomiċi globali li qed jiżdiedu.

Għalhekk, b'dan il-pakkett, għandna niżguraw li l-qafas legali futur tal-UE jippermetti li l-vantaġġi kompetittivi jiġu sfruttati bis-sħiħ filwaqt li niproteġu l-kompetizzjoni ġusta u livell adegwat ta' kondizzjonijiet tax-xogħol għax-xufiera. Madankollu, il-ftehim finali ma jilħaqx dan il-bilanċ u jiffavorixxi biss approċċ wieħed ibbażat fuq protezzjoniżmu nazzjonali u regoli mhux infurzabbli fis-settur.

B'mod partikolari, aħna konvinti li regoli speċifiċi għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq ("lex specialis") jikkostitwixxu restrizzjoni mhux ġustifikata fuq il-libertajiet fundamentali u, bħala riżultat, qed ifixxlu l-kondizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni fl-UE. Ta' min jinnota li l-ftehim finali jiġġustifika t-tħassib tagħna dwar is-separazzjoni tal-kwistjoni tat-trasport bit-triq mill-emenda għad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema [Direttiva (UE) 2018/957]. B'mod partikolari, il-mudell maqsum introdott fir-rigward tal-istazzjonar tax-xufiera ma kienx parti mill-proposta tal-Kummissjoni, u bħala tali ma kienx soġġett għal valutazzjoni tal-impatt.

It-tieni nett, għandna wkoll problema kbira dwar il-projbizzjoni sħiħa fuq it-teħid ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa fil-kabina għax ma tqisx in-nuqqas ta' żoni ta' mistrieħ xierqa fl-UE b'akkomodazzjoni adatta għax-xufiera. Għaldaqstant, tali projbizzjoni tikkostitwixxi dispożizzjoni tal-UE, li ma tkunx tista' tiġi infurzata, u b'hekk jinħoloq dubju dwar il-legalità tagħha.

It-tielet nett, fir-rigward tal-għanijiet klimatiċi tagħna, l-obbligu li l-vettura tirritorna lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-inqas darba kull tmien ġimgħa jikkontradixxi l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi tal-UE li kienu ppreżentati mill-Kummissjoni Ewropea fil-Patt Ekoloġiku Ewropew fil-11 ta' Diċembru 2019. Tali miżura, jekk tiġi adottata, ser tirriżulta f'għadd akbar ta' vjaġġi vojta ta' trakkijiet fuq it-toroq Ewropej u sussegwentement għal żieda fl-emissjonijiet ta' CO₂ li joriġinaw mis-settur tat-trasport bit-triq.

Ir-riskju li jinħoloq vantaġġ kompetittiv inġust għall-operaturi ta' pajjiżi terzi huwa wkoll fattur li mhuwiex ikkunsidrat sew fil-ftehim finali. Barra minn hekk, is-sostituzzjoni obligatorja ta' takografi bi prezz għoli ġġib magħha vantaġġ kompetittiv għat-trasportaturi ta' pajjiżi terzi, billi d-data tal-installazzjoni ta' takografi intelliġenti għall-vetturi ta' impriża bbażata fuq l-AETR hija inċerta.

L-immodernizzar tas-settur tat-trasport bit-triq Ewropew, element kruċjali tal-ekonomija Ewropea huwa neċessità kemm minn aspett soċjali kif ukoll minn dak tal-kompetittività. Dan l-għan ma jistax jintlaħaq mingħajr konsiderazzjoni sħiħa tal-preservazzjoni tal-kisbiet u l-funzjonament tas-suq intern u mingħajr ma tittieħed azzjoni responsabbli biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi.

Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-7 ta' April 2020	CM 1986/20
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi</i> <i>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill</i> Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi - Adottata mill-Kunsill fis-7 ta' April 2020	5114/20
Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill	5114/1/20 REV 1 ADD 1
Dikjarazzjoni mill-Belġju Il-Belġju ħa nota tar-riżultati tal-ftehim proviżorju li ntlaħaq fil-11 ta' Diċembru bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-pilastru soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I. Il-Belġju jilqa' t-titjib sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera tat-trakkijiet, b'mod partikolari billi jipprojbixxi l-mistrieħ ta' kull ġimgħa fil-kabina, u billi japplika l-istazzjonar għal operazzjonijiet ta' kabotaġġ. Għandhom jintlaħqu kondizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni aħjar fil-futur, permezz tal-integrazzjoni ta' vetturi kummerċjali ħfief fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà kollu, ir-ritorn tat-trakkijiet lejn il-bażi kull tmien ġimgħat, u l-iskeda ta' żmien ambizzjuż għall-introduzzjoni ta' takografi intelliġenti ġodda li ser jippermettu infurzar aħjar tar-regoli eżistenti u dawk ġodda. Għalhekk, il-Belġju jqis li huwa inkoeerenti li l-aċċess għas-suq jiġi ristrett ulterjorment billi jiġi impost perijodu ta' preklużjoni ta' erbat ijiem fuq il-kabotaġġ, filwaqt li fl-istess ħin l-Unjoni Ewropea ser tiżgura konverġenza soċjali 'l fuq. Fil-fehma tagħna, il-perijodu ta' preklużjoni huwa ostaklu għall-kummerċ li jmur kontra l-ispirtu tas-suq intern, u l-effiċjenza tal-katina loġistika, peress li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jagħmluha possibbli li jiġu evitati vjaġġi vojta. Jiddispijčina wkoll dwar l-inklużjoni ta' proposta rigward l-istazzjonar fit-tul, li la dehret fil-proposta tal-Kummissjoni u lanqas fil-ftehimiet taż-żewġ koleġislaturi, u s'issa għadha ma ġietx ivvalutata b'attenzjoni. Minkejja l-elementi soċjali pożittivi li jinsabu fil-Pakkett, il-Belġju għalhekk ser jastjeni dwar il-ftehim.	

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija

Il-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija jesprimu tħassib serju li l-ftehim proviżorju dwar il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I jikkontradixxi l-libertà bażika li jiġu pprovduti servizzi fis-Suq Uniku, il-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema, kif ukoll il-politiki u l-għanijiet ewlenin tal-UE dwar il-klima.

B'mod partikolari, ir-rekwiżit li l-vetturi tqal jiġu ritornati lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-anqas darba kull tmien ġimgħat jikkontradixxi l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi tal-UE, stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Patt Ekoloġiku ġdid fil-11 ta' Diċembru 2019. Tali obbligu, jekk jiġi adottat, jirriżulta f'żieda konsiderevoli fl-għadd ta' vjaġġi tat-trakkijiet vojta fit-toroq Ewropej u, sussegwentement, f'żieda sostanzjali ta' emissjonijiet tas-CO₂ mis-settur tat-trasport. Dan is-settur diġà jirrappreżenta madwar kwart tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE.

Minkejja l-isforzi tagħna biex nenfasizzaw dawn il-punti u minkejja l-evidenza xjentifika minn studji dwar l-impatt ta' obbligu bħal dan fuq iż-żieda fil-vjaġġi vojta u l-emissjonijiet tas-CO₂, m'hemm l-ebda sensittività dwar l-impatt mistenni minn din id-dispożizzjoni u l-argumenti razzjonali qed jiġu miċħuda. Fl-istess ħin, għalkemm l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar teħtieġ valutazzjoni tal-impatt fil-livell tal-UE għal dawn il-miżuri kollha, għadha ma ġiet ippreżentata l-ebda valutazzjoni bħal din.

Ir-ritorn ta' vetturi lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment huwa biss eżempju wieħed ta' miżuri eċċessivament restrittivi u diskriminatorji proposti fil-Pakkett dwar il-Mobbiltà I. Aħna nikkondividu tħassib simili dwar il-limitazzjonijiet fuq il-kabotaġġ fil-forma ta' perijodu ta' preklużjoni eċċessiv. Dan il-perijodu ta' preklużjoni jammonta għal miżura protezzjonista, li ser ikollha effett pjuttost negattiv fuq is-Suq Uniku. Skont l-estimi ta' istituti ta' riċerka magħrufa, l-obbligu ta' ritorn ta' trakk kif ukoll ir-restrizzjonijiet imposti fuq operazzjonijiet ta' kabotaġġ ser jiġġeneraw miljuni ta' tunnelli addizzjonali ta' emissjonijiet ta' CO₂ kull sena.

Punt ta' tħassib prinċipali ieħor huwa li r-ritorn obligatorju tal-vettura ser ipoġġi f'pożizzjoni ta' żvantaġġ l-Istati Membri li minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom ser ikollhom diffikultajiet sostanzjali biex jipprovdu servizzi tat-trasport tat-trakkijiet fis-Suq Uniku, peress li l-vetturi tagħhom ser ikollhom ikopru distanzi ħafna akbar u jegħlbu ostakli naturali sinifikanti, speċjalment fil-każ tal-gżejjer.

Il-kompetizzjoni inġusta mill-operaturi ta' pajjiżi terzi hija wkoll fattur li ma ġiex indirizzat kif suppost. Dan huwa partikolarment inkwetanti peress li s-soluzzjoni li għandha tiġi adottata ser ikollha effetti fit-tul mhux biss fuq is-settur tat-trasport, iżda wkoll fuq l-ekonomija tal-UE kollha kemm hi.

Is-settur tat-trasport jistħoqqlu qafas legali tal-UE ġust u b'saħħtu, li jkompli jistimola l-iżvilupp tiegħu, filwaqt li jiżgura regoli realiści u infurzabbli. Minflok dispożizzjonijiet bilanċjati u kompromess ġenwin, il-ftehim proviżorju jimponi miżuri restrittivi, sproporzjonati u protezzjonisti.

Il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I huwa dossier kruċjali għas-Suq Uniku Ewropew, kif ukoll għas-settur tat-trasport bit-triq. Illum, aktar minn qatt qabel, jeħtieġ li nippreservaw il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku u tal-ekonomiji tal-Istati Membri kollha fl-UE filwaqt li nkunu konsistenti ma' politiki oħra tal-UE.

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija

Il-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija jesprimu l-oġġezzjoni tagħhom għall-inklużjoni awtomatika tal-klawżola tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-ftehim politiku adottat dwar it-tliet atti legali tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I matul ir-reviżjoni teknika tat-testi mill-ġuristi lingwisti.

Nirrikonoxxu li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma ferm importanti għall-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-UE.

Madankollu, iż-żieda ta' klawżola bħal din f'dan l-istadju avvanzat tal-proċess leġislattiv mhijiex prattika tajba inġenerali u, fil-każ tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I, huwa partikolarment diffiċli li wieħed jaċċettaha minħabba s-sensittività politika tad-dossier kollu u b'kont meħud tal-konsegwenzi fit-tul tad-dispożizzjonijiet proposti għall-funzjonament tas-settur Ewropew tat-trasport bit-triq.

Sfortunatament, dan juri wkoll li l-proċedimenti rapidi affettwaw b'mod negattiv il-kwalità tal-leġislazzjoni adottata. Barra minn hekk, nixtiequ nissottolinjaw in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt ta' xi dispożizzjonijiet ewlenin tal-ftehim politiku. Dan il-fatt ġie rikonoxxut ukoll mill-Kummissjoni fid-Dikjarazzjoni tagħha ppreżentata fil-laqgħa tal-Coreper I fl-20 ta' Diċembru 2019, li fiha l-Kummissjoni kkonfermat li xi miżuri ma kinux parti mill-proposti tal-Kummissjoni ppreżentati fil-31 ta' Mejju 2017 u ma kinux soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt.

In-nuqqas ta' analiżi bir-reqqa jxekkel evalwazzjoni xierqa tal-miżuri proposti fit-tliet atti leġislattivi tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I f'termini tal-konformità tagħhom mar-regola tal-proporzjonalità.

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija

Il-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija, filwaqt li jqisu t-tixrid bla preċedent tal-coronavirus COVID-19 li diġà qed iħalli impatt u, sfortunatament, ser ikompli jaffettwa b'mod profund is-settur tat-trasport bit-triq, jappellaw għas-sospensjoni tax-xogħol fuq il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I sakemm tgħaddi l-pandemija. Għaldaqstant, qed nivvutaw kontra l-adozzjoni tal-fajl permezz ta' proċedura bil-miktub f'dan iż-żmien diffiċli.

Huwa mistenni li l-biċċa l-kbira tal-impriżi ser jissospendu jew jagħlqu l-operazzjonijiet tagħhom, li ser iwassal għal tnaqqis sinifikanti fil-provvista tas-servizzi tat-trasport u, għaldaqstant, fit-twassil ta' prodotti għad-detriment taċ-ċittadini tal-UE u għall-funzjonament bla xkiel tal-ekonomija.

Fid-dawl tar-rwol indispensabbli tat-trasport bit-triq fl-isforz ta' rkupru mit-tifqigħa ta' wara l-COVID-19 u t-telf estensiv li ġarrab is-settur matul l-immaniġġar tat-tifqigħa, it-trasport bit-triq u l-ekonomija tal-UE mhux ser ikunu f'pożizzjoni li jsostnu x-xokk bla bżonn impost mir-regolament li ser jiġi kkawżat mill-Pakkett dwar il-Mobbiltà I. F'dan il-kuntest jeħtieġ li nżommu f'moħħna li l-maġġoranza kbira tal-impriżi tat-trasport bit-triq fl-Unjoni Ewropea huma intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, li huma partikolarment vulnerabbli.

Fiċ-ċirkostanzi attwali, l-adozzjoni tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I fil-forma attwali tiegħu la hija raġonevoli u lanqas ġustifikata. Nixtiequ nenfasizzaw li x-xenarju ekonomiku tal-UE meta tgħaddi l-kriżi tal-coronavirus ser ikun wieħed għal kollox differenti u aħna nemmnu li s-settur tat-trasport bit-triq ser ikun jeħtieġ soluzzjonijiet ġodda li jindirizzaw din ir-realtà ġdida.

B'kont meħud tas-sitwazzjoni msemmija hawn fuq, aħna konvinti li s-soluzzjonijiet previsti fil-Pakkett dwar il-Mobbiltà I jeħtieġ li jiġu msawra mill-ġdid biex ikunu jistgħu jieħdu kont tar-realtà ekonomika l-ġdida. Għaldaqstant, aħna nipproponu li tiġi sospiża l-ħidma ulterjuri fuq dan id-dossier sakemm tgħaddi l-pandemija.

Dikjarazzjoni mill-Estonja

L-Estonja tappoġġa bis-sħiħ l-oġġettivi tal-proposti oriġinali tal-pilastru soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I, li kienu maħsuba biex iwittu t-triq lejn regoli ċari tat-trasport bit-triq. L-Estonja temmen li s-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-Unjoni Ewropea għandu jkun konformi mal-prinċipji ġenerali tas-Suq Uniku, miftuħ għall-kompetizzjoni, effiċjenti u ekoloġiku. L-Estonja temmen li rekwiżiti addizzjonali ma għandhomx jimponu piż amministrattiv mhux raġonevoli fuq in-negozji jew l-awtoritajiet tas-settur pubbliku jew kunflitt mal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-klima.

Matul in-negozjati tal-Pakkett, l-Estonja adottat approċċ kostruttiv billi fittxet li tqis u tappoġġa proposti li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għax-xufiera, jiġġieldu kontra prattiki illegali tas-suq u jnaqqsu l-effetti negattivi fuq l-ambjent. Madankollu, in-negozjati rriżultaw fi ftehim li jqiegħed lit-trasportaturi Estonjani fi żvantaġġ kompetittiv, b'mod partikolari billi jimponi obbligu fuq l-impriżi tat-trasport bit-triq li jorganizzaw l-attività tal-flotta tagħhom b'tali mod li tiżgura li l-vetturi tagħhom jirritornaw lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment fi żmien tmien ġimgħat wara li jkunu telqu minnu ("ritorn tal-obbligu tal-vettura").

Dan l-obbligu ma kienx parti mill-pakkett oriġinali. Ma ġiex soġġett għal valutazzjoni tal-impatt sostantiva, li jqajjem tħassib dwar ir-relazzjoni tiegħu mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

It-tieni, il-fatt li l-vetturi jirritornaw lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment jillimita ż-żona ġeografika tal-operazzjonijiet għall-impriżi tat-trasport bit-triq ta' dak l-Istat Membru u bħala tali, dan mhuwiex konformi mal-għan tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I li jiżgura kondizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni.

It-tielet, peress li dan l-obbligu jżid l-għadd ta' vjaġġi vojta u emissjonijiet ta' CO₂ addizzjonali, l-Estonja hija tal-pożizzjoni li dan ir-rekwiżit jikkontradixxi l-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar il-klima u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Mhuwiex konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019.

Barra minn hekk, l-Estonja tqis li dan ir-rekwiżit huwa sproporzjonat peress li l-ftehim diġà fih miżuri għall-ġlieda kontra l-fenomeni tal-hekk imsejħa 'kumpanniji fantażma'. L-obbligu tar-ritorn tal-vettura ser potenzjalment jinċentiva tali prattiki u, barra minn hekk, jinkoraġġixxi lill-impriżi tat-trasport bit-triq minn Stati Membri periferiċi biex jirrilokaw, u b'hekk jikkawżaw tnaqqis fl-impjiegi u d-dħul mit-taxxa.

Fl-aħħar nett, peress li l-miżura tista' potenzjalment iżżid il-volumi tat-traffiku, l-Estonja hija mħassba dwar l-impatt tagħha fuq is-sikurezza fit-toroq.

Konsegwentement, u filwaqt li terġa' tenfasizza l-appoġġ tagħha għall-oġġettivi tal-proposti oriġinali tal-pilastru soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I, l-Estonja jiddispaċiha dwar l-inklużjoni fil-ftehim tal-obbligu tar-ritorn tal-vettura. Fil-kuntest deskritt hawn fuq, l-Estonja ser tivvota kontra dan il-ftehim.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tixtieq ittenni tħassib serju dwar l-effetti negattivi u dannużi għall-klima u l-effetti li jfixxlu s-suq ta' komponenti differenti tal-Ewwel Pakkett dwar il-Mobbiltà u tesprimi nuqqas ta' sodisfazzjon kbir dwar in-nuqqas ta' valutazzjonijiet tal-impatt xierqa u estensivi li jmur kontra l-oġettivi inizjali tal-Ewwel Pakkett dwar il-Mobbiltà.

L-Ungerija minn dejjem uriet li hija lesta tiġġieled kontra l-frodi, l-abbużi u l-prattiki inġusti kif ukoll li tindirizza l-kondizzjonijiet soċjali tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. Filwaqt li nindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, għandna nevitaw kwalunkwe frammentazzjoni, protezzjoniżmu u l-impożizzjoni ta' piż amministrattiv eċċessiv għall-impriżi tat-trasport Ewropej, li joperaw b'mod ġust fis-suq intern tat-trasport bit-triq. Għalina, il-preservazzjoni tal-funzjonament effettiv tas-suq intern tagħna mhijiex negozjabbli, billi dan iwassal għal aktar impjegji u kompetittività għall-Ewropa f'era ta' tensjonijiet ekonomiċi globali li qed jiżdiedu.

Għalhekk, b'dan il-pakkett, għandna niżguraw li l-qafas legali futur tal-UE jippermetti li l-vantaġġi kompetittivi jiġu sfruttati bis-sħiħ filwaqt li nipproteġu l-kompetizzjoni ġusta u livell adegwat ta' kondizzjonijiet tax-xogħol għax-xufiera. Madankollu, il-ftehim finali ma jilħaqx dan il-bilanċ u jiffavorixxi biss approċċ wieħed ibbażat fuq protezzjoniżmu nazzjonali u regoli mhux infurzabbli fis-settur.

B'mod partikolari, aħna konvinti li regoli speċifiċi għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq ("lex specialis") jikkostitwixxu restrizzjoni mhux ġustifikata fuq il-libertajiet fundamentali u, bħala riżultat, qed ifixxlu l-kondizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni fl-UE. Ta' min jinnota li l-ftehim finali jiġġustifika t-tħassib tagħna dwar is-separazzjoni tal-kwistjoni tat-trasport bit-triq mill-emenda għad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema [Direttiva (UE) 2018/957]. B'mod partikolari, il-mudell maqsum introdott fir-rigward tal-istazzjonar tax-xufiera ma kienx parti mill-proposta tal-Kummissjoni, u bħala tali ma kienx soġġett għal valutazzjoni tal-impatt.

It-tieni nett, għandna wkoll problema kbira dwar il-projbizzjoni sħiħa fuq it-teħid ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa fil-kabina għax ma tqisx in-nuqqas ta' żoni ta' mistrieħ xierqa fl-UE b'akkomodazzjoni adatta għax-xufiera. Għaldaqstant, tali projbizzjoni tikkostitwixxi dispożizzjoni tal-UE, li ma tkunx tista' tiġi infurzata, u b'hekk jinħoloq dubju dwar il-legalità tagħha.

It-tielet nett, fir-rigward tal-għanijiet klimatiċi tagħna, l-obbligu li l-vettura tirritorna lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-inqas darba kull tmien ġimgħa jikkontradixxi l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi tal-UE li kienu ppreżentati mill-Kummissjoni Ewropea fil-Patt Ekoloġiku Ewropew fil-11 ta' Diċembru 2019. Tali miżura, jekk tiġi adottata, ser tirriżulta f'għadd akbar ta' vjaġġi vojta ta' trakkijiet fuq it-toroq Ewropej u sussegwentement għal żieda fl-emissjonijiet ta' CO₂ li joriġinaw mis-settur tat-trasport bit-triq.

Ir-riskju li jinħoloq vantaġġ kompetittiv inġust għall-operaturi ta' pajjiżi terzi huwa wkoll fattur li mhuwiex ikkunsidrat sew fil-ftehim finali. Barra minn hekk, is-sostituzzjoni obbligatorja ta' takografi bi prezz għoli ġġib magħha vantaġġ kompetittiv għat-trasportaturi ta' pajjiżi terzi, billi d-data tal-installazzjoni ta' takografi intelliġenti għall-vetturi ta' impriża bbażata fuq l-AETR hija inċerta.

L-immodernizzar tas-settur tat-trasport bit-triq Ewropew, element kruċjali tal-ekonomija Ewropea huwa neċessità kemm minn aspett soċjali kif ukoll minn dak tal-kompetittività. Dan l-għan ma jistax jintlaħaq mingħajr konsiderazzjoni sħiħa tal-preservazzjoni tal-kisbiet u l-funzjonament tas-suq intern u mingħajr ma tittieħed azzjoni responsabbli biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi.

Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-7 ta' April 2020	CM 1985/20
<i>Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012</i> <i>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill</i> Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 - Adottata mill-Kunsill fis-7 ta' April 2020	5112/20
Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill	5112/1/20 REV 1 ADD 1
Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija Il-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija jesprimu tħassib serju li l-ftehim proviżorju dwar il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I jikkontradixxi l-libertà bażika li jiġu pprovduti servizzi fis-Suq Uniku, il-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema, kif ukoll il-politiki u l-għanijiet ewlenin tal-UE dwar il-klima. B'mod partikolari, ir-rekwiżit li l-vetturi tqal jiġu ritornati lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-anqas darba kull tmien ġimgħat jikkontradixxi l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi tal-UE, stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Patt Ekoloġiku ġdid fil-11 ta' Diċembru 2019. Tali obbligu, jekk jiġi adottat, jirriżulta f'żieda konsiderevoli fl-għadd ta' vjaġġi tat-trakkijiet vojta fit-toroq Ewropej u, sussegwentement, f'żieda sostanzjali ta' emissjonijiet tas-CO₂ mis-settur tat-trasport. Dan is-settur diġà jirrappreżenta madwar kwart tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE. Minkejja l-isforzi tagħna biex nenfasizzaw dawn il-punti u minkejja l-evidenza xjentifika minn studji dwar l-impatt ta' obbligu bħal dan fuq iż-żieda fil-vjaġġi vojta u l-emissjonijiet tas-CO₂, m'hemm l-ebda sensitività dwar l-impatt mistenni minn din id-dispożizzjoni u l-argumenti razzjonali qed jiġu miċħuda. Fl-istess ħin, għalkemm l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar teħtieġ valutazzjoni tal-impatt fil-livell tal-UE għal dawn il-miżuri kollha, għadha ma ġiet ippreżentata l-ebda valutazzjoni bħal din. Ir-ritorn ta' vetturi lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment huwa biss eżempju wieħed ta' miżuri eċċessivament restrittivi u diskriminatorji proposti fil-Pakkett dwar il-Mobbiltà I. Aħna nikkondividu tħassib simili dwar il-limitazzjonijiet fuq il-kabotaġġ fil-forma ta' perijodu ta' preklużjoni eċċessiv. Dan il-perijodu ta' preklużjoni jammonta għal miżura protezzjonista, li ser ikollha effett pjuttost negattiv fuq is-Suq Uniku. Skont l-estimi ta' istituti ta' riċerka magħrufa, l-obbligu ta' ritorn ta' trakk kif ukoll ir-restrizzjonijiet imposti fuq operazzjonijiet ta' kabotaġġ ser jiġġeneraw miljuni ta' tunnelli addizzjonali ta' CO₂ kull sena.	

Punt ta' tħassib prinċipali ieħor huwa li r-ritorn obligatorju tal-vettura ser ipoġġi f'pożizzjoni ta' żvantaġġ l-Istati Membri li minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom ser ikollhom diffikultajiet sostanzjali biex jipprovdu servizzi tat-trasport tat-trakkijiet fis-Suq Uniku, peress li l-vetturi tagħhom ser ikollhom ikopru distanzi ħafna akbar u jegħlbu ostakli naturali sinifikanti, speċjalment fil-każ tal-gżejjer. Il-kompetizzjoni inġusta mill-operaturi ta' pajjiżi terzi hija wkoll fattur li ma ġiex indirizzat kif suppost. Dan huwa partikolarment inkwetanti peress li s-soluzzjoni li għandha tiġi adottata ser ikollha effetti fit-tul mhux biss fuq is-settur tat-trasport, iżda wkoll fuq l-ekonomija tal-UE kollha kemm hi. Is-settur tat-trasport jistħoqqlu qafas legali tal-UE ġust u b'saħħtu, li jkompli jstimola l-iżvilupp tiegħu, filwaqt li jiżgura regoli realistiċi u infurzabbli. Minflok dispożizzjonijiet bilanċjati u kompromess ġenwin, il-ftehim proviżorju jimponi miżuri restrittivi, sproporzjonati u protezzjonisti. Il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I huwa dossier kruċjali għas-Suq Uniku Ewropew, kif ukoll għas-settur tat-trasport bit-triq. Illum, aktar minn qatt qabel, jeħtieġ li nippreservaw il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku u tal-ekonomiji tal-Istati Membri kollha fl-UE filwaqt li nkunu konsistenti ma' politiki oħra tal-UE.	
Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija Il-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija jesprimu l-oġġezzjoni tagħhom għall-inklużjoni awtomatika tal-klawżola tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-ftehim politiku adottat dwar it-tliet atti legali tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I matul ir-reviżjoni teknika tat-testi mill-ġuristi lingwisti. Nirrikonoxxu li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma ferm importanti għall-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-UE. Madankollu, iż-żieda ta' klawżola bħal din f'dan l-istadju avanzat tal-proċess leġislattiv mhijiex Prattika tajba inġenerali u, fil-każ tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I, huwa partikolarment diffiċli li wieħed jaċċettaha minħabba s-sensittività politika tad-dossier kollu u b'kont meħud tal-konsegwenzi fit-tul tad-dispożizzjonijiet proposti għall-funzjonament tas-settur Ewropew tat-trasport bit-triq. Sfortunatament, dan juri wkoll li l-proċedimenti rapidi affettwaw b'mod negattiv il-kwalità tal-leġislazzjoni adottata. Barra minn hekk, nixtiequ nissottolinjaw in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt ta' xi dispożizzjonijiet ewlenin tal-ftehim politiku. Dan il-fatt ġie rikonoxxut ukoll mill-Kummissjoni fid-Dikjarazzjoni tagħha ppreżentata fil-laqgħa tal-Coreper I fl-20 ta' Diċembru 2019, li fiha l-Kummissjoni kkonfermat li xi miżuri ma kinux parti mill-proposti tal-Kummissjoni ppreżentati fil-31 ta' Mejju 2017 u ma kinux soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt. In-nuqqas ta' analiżi bir-reqqa jxekkel evalwazzjoni xierqa tal-miżuri proposti fit-tliet atti leġislattivi tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I f'termini tal-konformità tagħhom mar-regola tal-proporzjonalità.	

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija

Il-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija, filwaqt li jqisu t-tixrid bla preċedent tal-coronavirus COVID-19 li diġà qed iħalli impatt u, sfortunatament, ser ikompli jaffettwa b'mod profund is-settur tat-trasport bit-triq, jappellaw għas-sospensjoni tax-xogħol fuq il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I sakemm tgħaddi l-pandemija. Għaldaqstant, qed nivvutaw kontra l-adozzjoni tal-fajl permezz ta' proċedura bil-miktub f'dan iż-żmien diffiċli.

Huwa mistenni li l-biċċa l-kbira tal-impriżi ser jissospendu jew jagħlqu l-operazzjonijiet tagħhom, li ser iwassal għal tnaqqis sinifikanti fil-provvista tas-servizzi tat-trasport u, għaldaqstant, fit-twassil ta' prodotti għad-detriment taċ-ċittadini tal-UE u għall-funzjonament bla xkiel tal-ekonomija.

Fid-dawl tar-rwol indispensabbli tat-trasport bit-triq fl-isforz ta' rkupru mit-tifqigħa ta' wara l-COVID-19 u t-telf estensiv li ġarrab is-settur matul l-immaniġġar tat-tifqigħa, it-trasport bit-triq u l-ekonomija tal-UE mhux ser ikunu f'pożizzjoni li jsostnu x-xokk bla bżonn impost mir-regolament li ser jiġi kkawżat mill-Pakkett dwar il-Mobbiltà I. F'dan il-kuntest jeħtieġ li nżommu f'moħħna li l-maġġoranza kbira tal-impriżi tat-trasport bit-triq fl-Unjoni Ewropea huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li huma partikolarment vulnerabbli.

Fiċ-ċirkostanzi attwali, l-adozzjoni tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I fil-forma attwali tiegħu la hija raġonevoli u lanqas ġustifikata. Nixtiequ nenfasizzaw li x-xenarju ekonomiku tal-UE meta tgħaddi l-kriżi tal-coronavirus ser ikun wieħed għal kollox differenti u aħna nemmnu li s-settur tat-trasport bit-triq ser ikun jeħtieġ soluzzjonijiet ġodda li jindirizzaw din ir-realtà ġdida.

B'kont meħud tas-sitwazzjoni msemmija hawn fuq, aħna konvinti li s-soluzzjonijiet previsti fil-Pakkett dwar il-Mobbiltà I jeħtieġ li jiġu msawra mill-ġdid biex ikunu jistgħu jieħdu kont tar-realtà ekonomika l-ġdida. Għaldaqstant, aħna nipproponu li tiġi sospiża l-ħidma ulterjuri fuq dan id-dossier sakemm tgħaddi l-pandemija.

Dikjarazzjoni mill-Estonja

L-Estonja tappoġġa bis-sħiħ l-oġġettivi tal-proposti oriġinali tal-pilastru soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I, li kienu maħsuba biex iwittu t-triq lejn regoli ċari tat-trasport bit-triq. L-Estonja temmen li s-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-Unjoni Ewropea għandu jkun konformi mal-prinċipji ġenerali tas-Suq Uniku, miftuħ għall-kompetizzjoni, effiċjenti u ekoloġiku. L-Estonja temmen li rekwiżiti addizzjonali ma għandhomx jimponu piż amministrattiv mhux raġonevoli fuq in-negozji jew l-awtoritajiet tas-settur pubbliku jew kunflitt mal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-klima.

Matul in-negozjati tal-Pakkett, l-Estonja adottat approċċ kostruttiv billi fittxet li tqis u tappoġġa proposti li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għax-xufiera, jiġġieldu kontra prattiki illegali tas-suq u jnaqqsu l-effetti negattivi fuq l-ambjent. Madankollu, in-negozjati rriżultaw fi ftehim li jqiegħed lit-trasportaturi Estonjani fi żvantaġġ kompetittiv, b'mod partikolari billi jimponi obbligu fuq l-impriżi tat-trasport bit-triq li jorganizzaw l-attività tal-flotta tagħhom b'tali mod li tiżgura li l-vetturi tagħhom jirritornaw lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment fi żmien tmien ġimgħat wara li jkun telqu minnu ("ritorn tal-obbligu tal-vettura").

Dan l-obbligu ma kienx parti mill-pakkett oriġinali. Ma ġiex soġġett għal valutazzjoni tal-impatt sostantiva, li jqajjem tħassib dwar ir-relazzjoni tiegħu mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

It-tieni, il-fatt li l-vetturi jirritornaw lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment jillimita ż-żona ġeografika tal-operazzjonijiet għall-impriżi tat-trasport bit-triq ta' dak l-Istat Membru u bħala tali, dan mhuwiex konformi mal-għan tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I li jiżgura kondizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni.

It-tielet, peress li dan l-obbligu jżid l-għadd ta' vjaġġi vojta u emissjonijiet ta' CO₂ addizzjonali, l-Estonja hija tal-pożizzjoni li dan ir-rekwiżit jikkontradixxi l-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar il-klima u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Mhuwiex konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019.

Barra minn hekk, l-Estonja tqis li dan ir-rekwiżit huwa sproporzjonat peress li l-ftehim diġà fih miżuri għall-ġlieda kontra l-fenomeni tal-hekk imsejħa 'kumpanniji fantażma'. L-obbligu tar-ritorn tal-vettura ser potenzjalment jinċentiva tali prattiki u, barra minn hekk, jinkoraġġixxi lill-impriżi tat-trasport bit-triq minn Stati Membri periferiċi biex jirrilokaw, u b'hekk jikkawżaw tnaqqis fl-impjiegi u d-dħul mit-taxxa.

Fl-aħħar nett, peress li l-miżura tista' potenzjalment iżżid il-volumi tat-traffiku, l-Estonja hija mħassba dwar l-impatt tagħha fuq is-sikurezza fit-toroq.

Konsegwentement, u filwaqt li terġa' tenfasizza l-appoġġ tagħha għall-oġġettivi tal-proposti oriġinali tal-pilastru soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I, l-Estonja jiddispaċiha dwar l-inklużjoni fil-ftehim tal-obbligu tar-ritorn tal-vettura. Fil-kuntest deskritt hawn fuq, l-Estonja ser tivvota kontra dan il-ftehim.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tixtieq ittenni tħassib serju dwar l-effetti negattivi u dannużi għall-klima u l-effetti li jfixxlu s-suq ta' komponenti differenti tal-Ewwel Pakkett dwar il-Mobbiltà u tesprimi nuqqas ta' sodisfazzjon kbir dwar in-nuqqas ta' valutazzjonijiet tal-impatt xierqa u estensivi li jmur kontra l-oġettivi inizjali tal-Ewwel Pakkett dwar il-Mobbiltà.

L-Ungerija minn dejjem uriet li hija lesta tiġġieled kontra l-frodi, l-abbużi u l-prattiki inġusti kif ukoll li tindirizza l-kondizzjonijiet soċjali tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. Filwaqt li nindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, għandna nevitaw kwalunkwe frammentazzjoni, protezzjoniżmu u l-impożizzjoni ta' piż amministrattiv eċċessiv għall-impriżi tat-trasport Ewropej, li joperaw b'mod ġust fis-suq intern tat-trasport bit-triq. Għalina, il-preservazzjoni tal-funzjonament effettiv tas-suq intern tagħna mhijiex negozjabbli, billi dan iwassal għal aktar impjiegi u kompetittività għall-Ewropa f'era ta' tensjonijiet ekonomiċi globali li qed jiżdiedu.

Għalhekk, b'dan il-pakkett, għandna niżguraw li l-qafas legali futur tal-UE jippermetti li l-vantaġġi kompetittivi jiġu sfruttati bis-sħiħ filwaqt li niproteġu l-kompetizzjoni ġusta u livell adegwat ta' kondizzjonijiet tax-xogħol għax-xufiera. Madankollu, il-ftehim finali ma jilħaqx dan il-bilanċ u jiffavorixxi biss approċċ wieħed ibbażat fuq protezzjoniżmu nazzjonali u regoli mhux infurzabbli fis-settur.

B'mod partikolari, aħna konvinti li regoli speċifiċi għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq ("lex specialis") jikkostitwixxu restrizzjoni mhux ġustifikata fuq il-libertajiet fundamentali u, bħala riżultat, qed ifixxlu l-kondizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni fl-UE. Ta' min jinnota li l-ftehim finali jiġġustifika t-tħassib tagħna dwar is-separazzjoni tal-kwistjoni tat-trasport bit-triq mill-emenda għad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema [Direttiva (UE) 2018/957]. B'mod partikolari, il-mudell maqsum introdott fir-rigward tal-istazzjonar tax-xufiera ma kienx parti mill-proposta tal-Kummissjoni, u bħala tali ma kienx soġġett għal valutazzjoni tal-impatt.

It-tieni nett, għandna wkoll problema kbira dwar il-projbizzjoni sħiħa fuq it-teħid ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa fil-kabina għax ma tqisx in-nuqqas ta' żoni ta' mistrieħ xierqa fl-UE b'akkomodazzjoni adatta għax-xufiera. Għaldaqstant, tali projbizzjoni tikkostitwixxi dispożizzjoni tal-UE, li ma tkunx tista' tiġi infurzata, u b'hekk jinħoloq dubju dwar il-legalità tagħha.

It-tielet nett, fir-rigward tal-għanijiet klimatiċi tagħna, l-obbligu li l-vettura tirritorna lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-inqas darba kull tmien ġimgħa jikkontradixxi l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi tal-UE li kienu ppreżentati mill-Kummissjoni Ewropea fil-Patt Ekoloġiku Ewropew fil-11 ta' Diċembru 2019. Tali miżura, jekk tiġi adottata, ser tirriżulta f'għadd akbar ta' vjaġġi vojta ta' trakkijiet fuq it-toroq Ewropej u sussegwentement għal żieda fl-emissjonijiet ta' CO₂ li joriġinaw mis-settur tat-trasport bit-triq.

Ir-riskju li jinħoloq vantaġġ kompetittiv inġust għall-operaturi ta' pajjiżi terzi huwa wkoll fattur li mhuwiex ikkunsidrat sew fil-ftehim finali. Barra minn hekk, is-sostituzzjoni obbligatorja ta' takografi bi prezz għoli ġġib magħha vantaġġ kompetittiv għat-trasportaturi ta' pajjiżi terzi, billi d-data tal-installazzjoni ta' takografi intelliġenti għall-vetturi ta' impriża bbażata fuq l-AETR hija inċerta.

L-immodernizzar tas-settur tat-trasport bit-triq Ewropew, element kruċjali tal-ekonomija Ewropea huwa neċessità kemm minn aspett soċjali kif ukoll minn dak tal-kompetittività. Dan l-għan ma jistax jintlaħaq mingħajr kunsiderazzjoni sħiħa tal-preservazzjoni tal-kisbiet u l-funzjonament tas-suq intern u mingħajr ma tittieħed azzjoni responsabbli biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi.

Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-7 ta' April 2020	CM 1981/20
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija – Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill</i>	5142/20
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (l-ewwel qari)	
Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill	5142/1/20 REV 1 ADD 1
Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-7 ta' April 2020	CM 1977/20
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma – Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill</i>	15301/19 REV 1
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (l-ewwel qari)	
Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill	15301/1/19 REV 1 ADD 1
Dikjarazzjoni mill-Greċja Il-Greċja tappoġġa l-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma". L-istabbiliment ta' qafas regolatorju integrat, stabbli u aċċettat b'mod komuni fil-livell tal-UE ser jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tiġi indirizzata n-nixfa u l-iskarsezza tal-ilma li x'aktarx ikunu aktar severi fil-futur, minħabba t-tibdil fil-klima. Madankollu, il-Greċja ssostni li d-dilwizzjoni tal-ilma reklamat waħedha ma għandhiex titqies bħala għażla ta' trattament tal-ilma, jiġifieri l-operaturi tan-negozju tal-ikel jew il-bdiewa jenħtieġ li ma jitħallewx iwettqu d-dilwizzjoni tal-ilma reklamat ta' kwalunkwe klassi ta' kwalità u sussegwentement jużawh bħala klassi ta' kwalità oġhla (aktar nadifa). Il-Greċja hija fost l-Istati Membri li diġà għandhom fis-seħħ tali qafas regolatorju li jinkludi dispożizzjonijiet saħansitra aktar stretti. Huwa ovvj u li l-protezzjoni tas-saħħa hija fundamentali għalina u għalhekk nirriżervaw id-dritt tagħna li nadottaw dispożizzjonijiet addizzjonali u li nimplimentaw miżuri ulterjuri fil-livell nazzjonali, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni.	

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakka

Ir-Repubblika Slovakka hija konxja mill-fatt li xi Stati Membri jkollhom jiffaċċjaw il-problema tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfa bħala riżultat tat-tibdil fil-klima. Madankollu, skont ir-rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, it-tibdil fil-klima jaffettwa l-firxa u l-multiplikazzjoni ta' diversi mard, sustanzi perikolużi u patoġeni trażmessi mill-ilma, u l-ikel, eż. is-Salmonella, li jaffettwaw is-saħħa tal-popolazzjoni. Għalhekk, l-użu ta' ilma użat mill-ġdid għat-tisqija agrikola ma għandux jipperikola s-saħħa tal-konsumatur aħħari bħala riżultat ta' kriterji tal-kwalità insuffiċjenti tal-ilma fuq ilma li jintuża mill-ġdid u għandu jqis l-iżvilupp futur.

Matul in-negozjati dwar dan l-ilma użat mill-ġdid, aħna konsistentement appellajna għal proposta ambizzjuża fir-rigward tal-oġġettiv li jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti u ugwali tas-suq intern (moviment ta' oġġetti) billi jiġu imposti rekwiżiti uniformi għall-ilma użat mill-ġdid għall-Istati Membri kollha u fir-rigward tal-oġġettiv tal-ħarsien tal-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u dik tal-annimali. Jiddispijčina li dan ma ġiex rifless fit-test finali.

Aħna ddiżappuntati wkoll li l-proposta dwar it-tikkettar obligatorju ma ġietx inkorporata, fatt li aħna nqisu li jgħall lill-konsumatur aħħari u li jgħall id-dritt tiegħu għall-informazzjoni. Dan imur kontra l-prinċipju ta' informazzjoni trasparenti għall-konsumatur aħħari u b'mod partikolari kontra diversi gruppi vulnerabbli, pereżempju persuni anzjani, tfal, persuni b'sistema ta' immunità dgħajfa.

Bl-istess mod, il-proposti tagħna għat-tisħiħ tal-parametri ta' kwalità tar-Regolament fir-rigward tal-inklużjoni ta' diversi parametri ta' kwalità bħas-Salmonella ma ġewx aċċettati. Enfasizzajna l-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, il-kwalità tal-ikel u kriterji stabbiliti b'mod strett fl-Anness. Fil-formulazzjoni attwali, ma nqisux li l-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur aħħari qed tiġi indirizzata b'mod suffiċjenti.

Fl-istess ħin, għandna riżervi dwar il-formulazzjoni tal-Artikolu 2.2, li ma jippermettix li Stat Membru japplika għal deroga b'mod newtrali abbażi ta' wieħed jew aktar mill-kriterji stabbiliti fir-Regolament. Il-formulazzjoni attwali tagħti wisq diskrezzjoni lill-Kummissjoni Ewropea biex tiddeċiedi dwar deroga abbażi tal-kriterji kollha msemminjin fir-Regolament.

Minħabba t-tħassib tagħna dwar is-saħħa u l-ikel, m'aħniex f'pożizzjoni li naqblu ma' dan ir-regolament u għalhekk nastjenu milli nivvutaw.

Proċedura bil-miktub li tlestiet fl-14 ta' April 2020	CM 2019/20
Dikjarazzjoni tal-UE għal-laqgħa tar-rebbiegħa tal-Kumitat Monetarju u Finanzjarju Internazzjonali (IMFC) fis-16 ta' April 2020	6560/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fl-14 ta' April 2020	CM 2029/20
<i>Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2020: Assistenza lill-Greċja b'rispons għaż-żieda fil-pressjoni migratorja - Miżuri immedjati fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19 - Appoġġ għar-rikostruzzjoni ta' wara t-terremot fl-Albanija - Aġġustamenti oħra</i> Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2020 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 2020/C 123 I/01 ĠU C 123I, 16.4.2020, p. 1-2	7149/20
<i>Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati fil-kuntest tat-tifqigħa ta' COVID-19 u t-tisħiħ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, b'rabta mal-ABE Nru 1/2020</i> Deċiżjoni (UE) 2020/545 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2020 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati fil-kuntest tat-tifqigħa ta' COVID-19 u t-tisħiħ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ĠU L 125, 21.4.2020, p. 1-2	7151/20
<i>Regolament tal-Kunsill li jattiva l-appoġġ ta' emerġenza skont ir-Regolament (UE) 2016/369 u li jemenda d-dispożizzjonijiet tiegħu filwaqt li jqis it-tifqigħa tal-COVID-19</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/521 tal-14 ta' April 2020 li jattiva l-appoġġ ta' emerġenza skont ir-Regolament (UE) 2016/369 u li jemenda d-dispożizzjonijiet tiegħu filwaqt li jqis it-tifqigħa tal-COVID-19 ĠU L 117, 15.4.2020, p. 3-8	7169/20
<i>Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni għall-2020 (DAB Nru 1/2020)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2020 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 2020/C 123 I/02 ĠU C 123I, 16.4.2020, p. 3-3	7201/20
<i>Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19</i> Deċiżjoni (UE) 2020/546 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2020 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19 ĠU L 125, 21.4.2020, p. 3-4	7203/20
<i>Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2020 biex tingħata assistenza ta' emerġenza lill-Istati Membri u biex jissaħħaħ il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili/rescEU b'rispons għat-tifqigħa</i>	7204/20

<i>tal-COVID-19</i> Deċiżjoni (UE) 2020/547 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2020 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2020 biex tingħata assistenza ta' emerġenza lill-Istati Membri u biex jissaħħaħ il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili/rescEU b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19 <u>ĠU L 125, 21.4.2020, p. 5–6</u>	
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 fir-rigward tal-ambitu tal-Marġini Globali għall-Impenji <i>Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/538 tas-17 ta' April 2020 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 fir-rigward tal-ambitu tal-Marġini Globali għall-Impenji</i> <u>ĠU L 119I, 17.4.2020, p. 1–3</u>	7170/20

Proċedura bil-miktub li tlestiet fl-15 ta' April 2020	CM 2023/20
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088</i> <i>– Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill</i> Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-iffaċilitar tal-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (2018/0178 COD) Eżitu tal-proċedura bil-miktub mibdija bid-dokument CM 2005/20 – Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill	5639/20 REV2
Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill	5639/2/20 REV 2 ADD 1
Dikjarazzjoni mill-Ġermanja appoġġata mill-Ungerija Aħna naqblu mal-oġettiv li tiġi stabbilita tassonomija kredibbli li ser tiggwida lill-investituri fl-identifikazzjoni ta' attivitajiet ambjentalment sostenibbli. Madankollu, bil-ħsieb li fit-tassonomija jiġu inklużi setturi li għalihom l-UE ma għandhiex kompetenza li tirregola, aħna għandna tħassib serju dwar l-użu ta' atti delegati. Fir-rigward tas-settur tal-forestrija, aħna nisħqu li l-formulazzjoni tal-politiki forestali hija l-kompetenza tal-Istati Membri. L-użu ta' atti delegati biex jiġu ddefiniti kriterji ta' sostenibbiltà fir-rigward tas-settur tal-forestrija ma għandux jippreġudika kwalunkwe trasferiment ta' kompetenza mill-Istati Membri lejn l-UE f'dan il-qasam ta' politika. Barra minn hekk, fir-rigward tal-"ġestjoni sostenibbli tal-foresti", il-Ġermanja hija tal-fehma li għandha titqies bħala bażi d-definizzjoni kif tinsab fir-Riżoluzzjoni ta' FOREST EUROPE dwar Linji Gwida Ġenerali għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa, kif adottata b'mod unanimu mill-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea fl-1993.	
Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu It-tassonomija għandha tkun strument essenzjali biex jiggwida lill-investituri fl-identifikazzjoni ta' attivitajiet ambjentalment sostenibbli. Il-Lussemburgu jfakkar li l-enerġija nukleari la hija sors ta' enerġija sikura u lanqas sostenibbli. Għaldaqstant, tassonomija kredibbli ma tippermettix li proġetti ta' ġenerazzjoni ta' enerġija nukleari u ta' ċiklu ta' kombustibbli nukleari jikkwalifikaw bħala attivitajiet sostenibbli. F'dak ir-rigward, it-tisħiħ tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fil-verżjoni finali tar-regolament għandu jissalvagwardja l-kredibilità tat-tassonomija f'għajnejn firxa wiesgħa ta' investituri Ewropej u tal-popolazzjoni tal-UE. Aħna niddependu fuq l-istituzzjonijiet Ewropej biex jiżguraw li dan il-prinċipju jiġi applikat b'mod strett u mingħajr ambigwità. Kwalunkwe applikazzjoni differenti ta' dan il-prinċipju, b'mod partikolari fir-rigward tal-enerġija nukleari, tissogra li toħloq "effetti ta' intrappolament" fit-tul f'tali teknoloġiji, u b'hekk tiġġenera ammont li ma jistax jiġi ddeterminat ta' spejjeż addizzjonali, u allura tmur kontra l-oġettiv globali tal-aġenda dwar finanzi sostenibbli.	

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja japprezzaw il-perseveranza u l-isforzi tal-Presidenza ddedikati għall-proposta tat-tassonomija. Fid-dawl ta' ħidma ulterjuri fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-enerġija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja jenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi rispettata n-newtralità teknoloġika bħala wieħed mill-prinċipji sottostanti tal-proposta. Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja jirrikonoxxu li t-tibdil fil-klima jeħtieġ jiġi indirizzat malajr, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati s-sigurtà, l-istabbiltà, u l-affordabbiltà tal-provvista tal-enerġija fuq terminu twil. Il-kisba ta' newtralità klimatika tirrikjedi emissjonijiet baxxi ta' karbonju kif ukoll sorsi ta' enerġija u infrastruttura transizzjonali u aħna nilqgħu l-fatt li dan issa huwa minqax b'mod ċar fil-qafas tat-tassonomija. Huwa rikonoxxut sew mill-komunità ta' esperti tad-dinja li l-enerġija nukleari hija meħtieġa biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima. Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja jqisu l-enerġija nukleari bħala sors ta' enerġija sostenibbli u sikur fuq medda twila ta' żmien. Iż-żamma tal-kapaċitajiet nukleari attwali u l-iżvilupp futur tagħhom, filwaqt li jiġu rispettati l-istandards għoljin ta' sikurezza u sigurtà, huma l-prekondizzjoni bażika biex tintlaħaq in-newtralità klimatika mhux biss fir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja, iżda wkoll fil-livell tal-UE. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-IPCC u l-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-enerġija u rifless ukoll fid-dokumenti tal-Kummissjoni. Aħna niddependu fuq il-Kummissjoni biex tiżgura proċess trasparenti sħiħ ta' elaborazzjoni tal-Atti Delegati rilevanti – proċess kredibbli u bbażat fuq l-evidenza u l-għarfien espert, l-inputs xjentifiċi u l-involvement xieraq tal-Istati Membri sabiex titwettaq valutazzjoni kompletament infurmata u oġġettiva tas-sostenibbiltà tat-teknoloġiji kollha tal-enerġija disponibbli fuq bażi mhux diskriminatorja. Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja jappoġġaw l-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, jeħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għodod kollha meħtieġa biex jilħqu dan l-oġġettiv ambizzjuż b'mod kosteffettiv u jiżguraw il-kredibbiltà tal-isforzi klimatiċi tagħna.	
--	--

Dikjarazzjoni mill-Awstrija Aħna naqblu mal-oġġettiv li tiġi stabbilita tassonomija kredibbli li ser tiggwida lill-investituri fl-identifikazzjoni ta' attivitajiet ambjentalment sostenibbli. Għadna nemmnu li t-tassonomija għandha tiġi adottata malajr kemm jista' jkun. Diġà nkiseb progress sostanzjali fi ħdan it-trilogu. Madankollu, kwalunkwe tassonomija li tippermetti li l-enerġija nukleari tikkwalifika bħala sostenibbli, jew anki bħala "transizzjoni" jew "attività ta' abilitazzjoni", tkun intrinsikament żbaljata u tista' twassal għal kritika serja, peress li din tibgħat sinjali u inċentivi ħżiena lill-parteċipanti u lill-investituri fis-suq finanzjarju. L-eżitu tan-negozjati ma jistax ineħħi t-tħassib tagħna li l-qafas propost jista' jħalli l-bieb miftuħ biex jiġu ddevjati riżorsi finanzjarji minn attivitajiet ambjentalment sostenibbli u f'teknoloġiji li ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala sikuri u lanqas sostenibbli, bħall-enerġija nukleari.	
Dikjarazzjoni mill-Polonja Il-Polonja tappoġġa bis-sħiħ l-oġġettivi tar-regolament, b'mod partikolari, l-appoġġ għal deċiżjonijiet kummerċjali infurmati għal investimenti f'attivitajiet ambjentalment sostenibbli. Il-pożizzjoni tagħna hija li t-test attwali jħalli wisq lok għal interpretazzjoni dwar kwistjonijiet ewlenin. Dawn jitħallew li jiġu deċiżi f'atti ta' Livell 2, li ser jiġu adottati wkoll bi ftit wisq involviment tal-Istati Membri. Il-fehma tagħna dwar il-fatt li ma hemm l-ebda garanzija fir-regolament li l-gass naturali jiġi rikonoxxut bħala attività ta' transizzjoni hija waħda negattiva. Il-Polonja tirrimarka li l-gass naturali huwa f'juwil transitorju essenzjali użat biex jieħu post il-faħam u fl-istess ħin, jassigura l-iżvilupp dinamiku ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Aktar minn hekk, l-implimentazzjoni Prattika tal-Prinċipju li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" fil-Polonja illum il-għurnata hija permezz ta' investimenti fil-gass naturali. Mingħajr dawn l-investimenti, it-trasformazzjoni fl-enerġija tal-Polonja ser tonqos b'mod sinifikanti, u tkun potenzjalment ta' ħsara għall-politika tal-UE dwar il-klima. It-test tar-regolament ma jirriflettix direttament ir-rwol tal-enerġija nukleari. L-enerġija nukleari hija essenzjali biex tinkiseb in-newtralità klimatika, li ġiet ikkonfermata kemm mir-rapporti kif ukoll mill-analiżi ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rikonoxxuti u fuq kollox minn dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea jew mill-aħħar riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-COP 25 (premessa 59). Barra minn hekk, meta titqies il-kwistjoni kontroversjali tal-enerġija nukleari fil-qafas tan-negozjati dwar it-test tar-regolament, id-deċiżjoni dwar l-inklużjoni tagħha fit-tassonomija ma għandhiex titħalla għall-atti ta' livell aktar baxx. Il-Polonja tistenna li fid-dawl tal-kompromess li ġie adottat fil-qasam tal-enerġija nukleari u l-gass, il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika ser jiġi rispettat fil-ħidma dwar atti delegati u t-tassonomija tal-UE mhix ser teskludi t-teknoloġiji indispensabbli biex tinkiseb in-newtralità klimatika. Ir-rapport tat-TEG dwar it-Tassonomija f'formula rakkomandazzjoni biex jitwaqqaf grupp ta' esperti biex jeżamina l-impatt ambjentali tal-ġestjoni ta' f'juwil użat u skart radjuattiv. Nistennu li l-atti delegati, speċjalment dwar attivitajiet ta' mitigazzjoni, mhux ser jiġu adottati għajr jekk titwettaq tali analiżi oġġettiva minn esperti indipendenti, u lanqas mhi ser tinjora data pprovduta minn fora u organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin (IPCC, OECD). Il-Polonja taqbel mal-idea li jinholq qafas legali li jinkoraġġixxi l-finanzjament tat-tkabbir sostenibbli. Madankollu, fil-fehma tagħna tali azzjonijiet għandhom ikunu konsistenti ma' azzjonijiet oħra meħuda fil-livell tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għandhom jiżguraw il-proporzjonalità. Fl-opinjoni tagħna, l-introduzzjoni ta' obbligi addizzjonali ta' divulgazzjoni fir-rigward tas-sostenibbiltà fir-regolament dwar it-Tassonomija,	

li huma paralleli għal dawk previsti fir-regolament dwar id-divulgazzjoni, mingħajr ma titwettaq ebda analiżi profonda fit-tħejjija tal-proposta legiſlattiva mill-Kummissjoni Ewropea, tista' twassal biex jiġi ġġenerat il-kapital barra mis-suq kapitali. Għalhekk, sitwazzjoni bħal din tista' tkun kontradittorja għall-azzjonijiet previsti fi ħdan l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Barra minn hekk, l-approċċ adottat li jikkonċerna r-regolamentazzjoni tal-obbligu ta' divulgazzjoni fir-rigward tas-sostenibbiltà simultanjament f'żewġ atti legali (Tassonomija u regolament ta' divulgazzjoni) iwassal għal nuqqas ta' trasparenza tad-dispożizzjonijiet u għal dubbji ta' interpretazzjoni fuq in-naħa tal-entitajiet li huma indirizzati lejhom id-dispożizzjonijiet. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, nistiednu lill-Kummissjoni Ewropea biex tqis debitament, filwaqt li tadotta atti delegati, ir-regoli ta' proporzjonalità u koerenza biex jiġu żgurati kif ukoll imwettqa l-miri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Nistiednu wkoll lill-Kummissjoni Ewropea biex tqis, meta twettaq proposti legiſlattivi fil-futur, ir-rabta eżistenti bejn dan ir-regolament u r-regolament dwar id-divulgazzjoni. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Polonja ma topponix l-adozzjoni tar-Regolament dwar Finanzi Sostenibbli - tassonomija, iżda ma tistax tappoġġah.	
Dikjarazzjoni mill-Iżvezja L-Iżvezja tixtieq tfakkar fit-tħassib tagħha fir-rigward tat-trattament tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-politika forestali fir-Regolament dwar it-Tassonomija. Matul in-negojati, tlabna b'mod persistenti għal referenza ċara u mingħajr ambigwià għad-definizzjoni ta' Forest Europe ta' "ġestjoni sostenibbli tal-foresti". Jiddispijja li din ma nżammix fit-test ta' kompromess finali. Id-definizzjoni ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti maqbula internazzjonalment, rikonoxxuta sew u aċċettata ta' Forest Europe għenet biex tippromwovi fehim komuni pan-Ewropew tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti għal kważi 30 sena. Il-kompromess finali milħuq mill-koleġislaturi jintroduċi kunċett differenti ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti li jista' jnaqqas iċ-ċarezza tal-fehim komuni fost is-47 firmatarju ta' Forest Europe, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha. Huwa importanti ħafna li tinżamm din id-definizzjoni miftiehma fl-iżvilupp u l-applikazzjoni tar-Regolament dwar it-Tassonomija. Devjazzjoni minn dan il-fehim komuni tista' twassal għal użu u applikazzjoni inkoerenti tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Nixtiequ nfakkru wkoll li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddikjara darbtejn din is-sena¹: li għalkemm l-UE għandha diversi politiki relatati mal-foresti, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jagħmel l-ebda referenza għal politika forestali komuni tal-UE, u li r-responsabilità għall-foresti taqa' f'idejn l-Istati Membri u li d-deċiżjonijiet u l-politiki kollha relatati mal-foresti fl-UE għandhom jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Peress li t-test finali ma tqiesx aċċettabbli fir-rigward tat-trattament tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-politika forestali, l-Iżvezja mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-regolament. Inħeġġu lill-Kummissjoni u lill-gruppi ta' esperti futuri biex iqisu dak li ġie ddikjarat hawn fuq meta jiżviluppaw kriterji tekniċi ta' skrinjar u legiſlazzjoni sekondarja. ¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja (adottati fis-16 ta' Diċembru 2019) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u dwar qafas strateġiku ġdid għall-foresti (adottati fil-15 ta' April 2019)	

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja Aħna, id-delegazzjonijiet tar-Repubblika Ċeka u tas-Slovakkja, napprezzaw l-isforz tal-Presidenza biex jintlaħaq qbil mal-Parlament Ewropew dwar id-dossier tat-tassonomija. Bil-ħsieb tal-ħidma quddiemna, inqisu bħala meħtieġ li nagħmlu żewġ rimarki fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u tal-politika forestali. Matul in-negozjati dwar it-tassonomija, tlabna b'mod persistenti għal referenza ċara u mingħajr ambigwiżi għad-definizzjoni ta' Forest Europe ta' "ġestjoni sostenibbli tal-foresti". Jiddispijacija li din ma nżammitx fit-test ta' kompromess finali. Id-definizzjoni ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti maqbula internazzjonalment, rikonossuta sew u aċċettata ta' Forest Europe għenet biex tippromwovi fehim komuni pan-Ewropew tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti għal kważi 30 sena. Il-kompromess finali milħuq mill-koleġislaturi jintroduċi kunċett differenti ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti li jista' jnaqqas iċ-ċarezza tal-fehim komuni fost is-47 firmatarju ta' Forest Europe, inklużi l-UE u l-Istati Membri tagħha. Huwa importanti ħafna li tinżamm din id-definizzjoni miftiehma fl-iżvilupp u l-applikazzjoni tar-Regolament dwar it-Tassonomija. Devjazzjoni minn dan il-fehim komuni tista' twassal għal użu u applikazzjoni inkoerenti tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Nixtiequ nfakkru wkoll li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddikjara darbtejn din is-sena*: li għalkemm l-UE għandha diversi politiki relatati mal-foresti, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jagħmel l-ebda referenza għal politika forestali komuni tal-UE, u li r-responsabilità għall-foresti taqa' f'idejn l-Istati Membri u li d-deċiżjonijiet u l-politiki kollha relatati mal-foresti fl-UE għandhom jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Inħeġġu lill-Kummissjoni u lill-gruppi ta' esperti futuri biex iqisu dak li għe ddikjarat hawn fuq meta jiżviluppaw kriterji tekniċi ta' skrinjar u leġiżlazzjoni sekondarja." * Konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja (adottati fis-16 ta' Diċembru 2019); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u dwar qafas strateġiku ġdid għall-foresti (adottati fil-15 ta' April 2019).	
Dikjarazzjoni mill-Ungerija Nixtiequ nesprimu t-tħassib tagħna dwar it-twessigħ sinifikanti, mil-lat materjali u personali, tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal prodotti li ma jindirizzaw l-ebda tip ta' għan ambjentali, soċjali jew ta' governanza żżid biss mal-piż amministrattiv tal-parteċipanti fis-suq mingħajr ma tippovdi aktar informazzjoni utli lill-investituri. Barra minn hekk, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal kumpanniji fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 19a l-Artikolu 29a tad-Direttiva 2013/34/UE mhijiex xierqa. Ir-reqwiżiti ta' rappurtar mhux finanzjarju huma soġġetti għal kontroll tal-idoneità mill-Kummissjoni Ewropea u hija prevista wkoll ir-reviżjoni tar-reqwiżiti, għalhekk kwalunkwe rekwiżit ġdid f'dan il-qasam kellu jiġi introdott wara valutazzjoni bir-reqqa mill-esperti rilevanti.	

Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-15 ta' April 2020	CM 2000/20
Arranġament proviżorju ta' arbitraġġ tal-appell bejn bosta partijiet skont l-Artikolu 25 tad-DSU – Approvazzjoni	7112/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-15 ta' April 2020	CM 2057/20
Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol - Ħatra tas-Sa Gintarė BUŽINSKAITĖ bħala membru supplenti għal-Litwanja, minflok is-Sa Vilija KONDROTIENĖ, li rriżenjat	6514/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-15 ta' April 2020	CM 2056/20
Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol - Ħatra tas-Sa Aggeliki MOIROU bħala membru supplenti għall-Greċja, minflok is-Sur Georgios GOURZOULIDIS, li rriżenjat	6513/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-15 ta' April 2020	CM 2055/20
Bord tat-Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi - Ħatra tas-Sa Katja GERSTMANN, membru supplenti għall-Awstrija, minflok is-Sa Eva-Maria BURGER, li rriżenjat	6154/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-15 ta' April 2020	CM 2054/20
Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali - Ħatra tas-Sa Anna SVÄRD, membru għall-Iżvezja, minflok is-Sa Johanna MÖLLERBER, li rriżenjat	6600/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-16 ta' April 2020	CM 2048/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/530 tas-16 ta' April 2020 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) ĠU L 120, 17.4.2020, p. 1–2	6917/20

Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-16 ta' April 2020	CM 2048/20
<i>Miżuri restrittivi kontra s-Sirja - prenotifiki</i> Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja 2020/C 124/02 ĠU C 124, 17.4.2020, p. 2-2	6940/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-17 ta' April 2020	CM 2062/20
<i>Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 fir-rigward tal-ambitu tal-Marġini Globali għall-Impenji</i> Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/538 tas-17 ta' April 2020 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 fir-rigward tal-ambitu tal-Marġini Globali għall-Impenji ĠU L 119I, 17.4.2020, p. 1-3	7170/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-17 ta' April 2020	CM 2061/20
Approvazzjoni tat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 03/2020 fi ħdan it-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2020	7116/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-21 ta' April 2020	CM 2076/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi d-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430 fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/556 tal-21 ta' April 2020 li testendi d-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430 fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni ĠU L 128I, 23.4.2020, p. 1-1	7337/20

Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-22 ta' April 2020	CM 2041/20
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19</i> Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19 ĠU L 130, 24.4.2020, p. 1–6	7/20 REV1
Dikjarazzjoni mill-Greċja Jeħtieġ li nenfasizzaw li huwa ta' importanza kbira li tiġi estiża r-riallokazzjoni tar-riżorsi disponibbli (bejn il-Fondi u bejn il-kategoriji tar-reġjuni) għas-snin ta' qabel l-2020 (jiġifieri 2017-2019), peress li b'din il-flessibbiltà addizzjonali għall-impenji annwali tal-2017-2019 il-Greċja tkun tista' twieġeb b'mod aktar effiċjenti għal din il-kriżi ta' skala bla preċedent. Barra minn hekk huwa importanti li jiġi permess appoġġ irrISPettivament mid-daqs tal-intrapriża speċjalment għall-użu ta' strumenti finanzjarji.	
Dikjarazzjoni minn Spanja Spanja tapprezza l-flessibbiltà pprovduta mis-CR II + u titlob lill-Kummissjoni tkompli tadatta r-regolamenti tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej biex tagħti ċertezza legali lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali. Fil-modifika li jmiss għandhom jiġu kkunsidrati elementi bħall-flessibbiltà fl-użu tal-impenji annwali tal-2017, l-2018 u l-2019, l-iskadenzi għat-twettiq ta' verifiki u awditi, u aktar ċertezza legali fid-definizzjoni ta' "force majeure".	
Dikjarazzjoni mil-Latvja Ninnotaw li s-sehem ta' 1/3 tal-Fond ta' Koeżjoni għall-Istati Membri li ssieħbu fl-2004 jew wara mhux ser ikollu jiġi rispettati skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 25a l-ġdid, u l-allokazzjonijiet jistgħu jiġu trasferiti bejn il-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni. Il-punt 6 tal-Anness VII tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni mhuwiex rilevanti f'dan ir-rigward. Il-flessibbiltà ta' trasferimenti bejn il-fondi hija importanti biex tiġi miġġielda l-kriżi immedjata tas-saħħa u biex tiġi żgurata taħlita ta' investiment effettiva li tappoġġa rkupru ekonomiku rapidu.	

Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-22 ta' April 2020	CM 2042/20
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi biex tiġi indirizzata t-tifqigħa ta' COVID-19</i> Regolament (UE) 2020/559 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi biex tiġi indirizzata t-tifqigħa ta' COVID-19 ĠU L 130, 24.4.2020, p. 7–10	8/20 REV1
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-22 ta' April 2020	CM 2063/20
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/745 dwar l-apparati mediċi, rigward id-dati tal-applikazzjoni ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu</i> Regolament (UE) 2020/561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/745 dwar l-apparati mediċi, rigward id-dati tal-applikazzjoni ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 130, 24.4.2020, p. 18–22	10/20 REV1
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-22 ta' April 2020	CM 2064/20 REV1
<i>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 508/2014 u (UE) Nru 1379/2013 f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri speċifiċi biex jittaffa l-impatt tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura</i> Regolament (UE) 2020/560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 508/2014 u (UE) Nru 1379/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jittaffa l-impatt tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ĠU L 130, 24.4.2020, p. 11–17	9/20 REV1

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja Bħala kwistjoni ta' prinċipju, l-Iżvezja hija kontra l-ġhajnuna għall-ħżin, u hija kontra li r-riżorsi baġitarji allokatu għall-ġbir u l-kontroll tad-data jintużaw għal skopijiet oħra. Madankollu, l-Iżvezja tista' taċċetta l-miżuri proposti f'dan il-każ partikolari minħabba ċ-ċirkostanzi straordinari. L-Iżvezja tikkunsidra li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-miżuri m'għandhomx jiġu estiżi lil hinn minn Diċembru 2020.	
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni ta' malajr min-naħa tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-proposta tagħha biex temenda l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd biex jittaffa l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u biex jiġu meħjunin is-sajjeda u l-produtturi tal-akkwakultura tagħna. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-kontroll tas-sajd u l-ġbir tad-data xjentifika huma importanti ferm għall-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli u għal infurzar affidabbli. It-tnaqqis tar-riżorsi finanzjarji għalihom ma għandux iwassal għal deterjorament fl-eżiti ta' dawn l-elementi essenzjali tal-politika komuni tas-sajd. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-proposta tagħha u l-emendi li sarulha jindirizzaw is-sitwazzjoni unika ta' kriżi li ħolqot it-tifqigħa tal-COVID-19 u l-ħtieġa eċċezzjonali u immedjata li jingħata appoġġ biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ta' dik it-tifqigħa. Huma ma jistgħux jippreġudikaw ir-Regolament futur dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.	

Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-22 ta' April 2020	CM 2082/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) li temenda d-Deċiżjoni 2013/184/PESK u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 401/2013 dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/563 tat-23 ta' April 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2013/184/PESK dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma <u>ĠU L 130, 24.4.2020, p. 25–26</u>	6888/20
<i>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 401/2013 dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/562 tat-23 ta' April 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 401/2013 dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma <u>ĠU L 130, 24.4.2020, p. 23–24</u>	6890/20
<i>Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma - abbozz ta' avviżi</i> Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK , kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/563, u fir-Regolament (UE) Nru 401/2013, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/562 dwar miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma 2020/C 133/02 <u>ĠU C 133, 24.4.2020, p. 2–3</u>	6986/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/298 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja għall-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/564 tat-23 ta' April 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/298 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja għall-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' verifika u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva <u>ĠU L 130, 24.4.2020, p. 27–27</u>	7270/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-24 ta' April 2020	CM 2040/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun	15259/19
Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun	15260/19

Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-24 ta' April 2020	CM 2038/20
<i>Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru</i>	15079/19
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru	15082/19
Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-27 ta' April 2020	CM 2110/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura interni tal-Kumitat Konġunt għall- Kooperazzjoni Doganali</i>	6882/20
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura interni tal-Kumitat Konġunt għall- Kooperazzjoni Doganali	
<i>Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu</i>	6932/20
Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu	
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-28 ta' April 2020	CM 2115/20
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Xjentifiku u Tekniku 2020/C 145/01</i>	6602/20
Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' April 2020 li taħtar il-membri tal-Kumitat Xjentifiku u Tekniku 2020/C 145/01 ĠU C 145, 30.4.2020, p. 1-1	
Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-30 ta' April 2020	CM 2128/20
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 18 tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni	15095/19 7027/20
Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-30 ta' April 2020	CM 2126/20
Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2025	7570/20